**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Guma Mohammed**
**Yousef Halef Abdel Hamid**

**Kumpilazzjoni 760/2019**

**Illum 2 ta' Lulju 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Guma Mohammed detentur tan-numru tal-pulizija 19CC-027 u Yousef Halef Abdel Hamid detentur tan-numru tal-pulizija 19CC-013 billi huma akkuzati talli nhar it-12 ta' Dicembru 2019 bejn il-hdax ta' filghodu (11:00hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) gewwa c-Centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi, Safi Barracks, Safi:

1. Volontarjament taw in-nar lil bini, vettura, gharix, jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, izda meta gewwa ma kien hemm ebda persuna filwaqt li wiehed setgha jobsor

illi fil-hin tal-hruq setgha kien hemm xi persuna gewwa l-bini, gharix, jew lok li ha n-nar mill-hruq u dan bi ksur tal-artikolu 317 (a)(i) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Billi huma akkuzati ukoll talli fl-istess data,hin,lok u cirkostanzi, rrendew ruhhom komplici billi b'xi mod li jkun, xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar lit-tinda li kienet takkomoda lil immigranti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u dan bi ksur tal-artikolu 42 (d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. Billi huma akkuzati aktar talli fl-istess data,lok,hin u cirkostanzi, volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, liema hsara tammonta ghal aktar minn 2,500 Euro ghad-dannu tal-gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (1) (a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min-nies jew aktar,migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma kinitx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu

id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahhlu fi dmirhom, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor jkun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqa' taht l-ebda dispozizzjonijiet ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Billi huma akkuzati aktar talli fl-istess data,hin,lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi bandohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali (*a fol.* 56) datata 11 ta' Marzu 2020 li permezz tagħha bagħat lill-imputati Guma Mohammed u Yousef Halef Abdel Hamid biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

1. Fl-artikoli 68 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Fl-artikoli 42, 316, 317, 318 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Fl-artikoli 325 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Fl-artikoli 338(ee), 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Fl-artikoli 15A, 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju 2020 (a fol. 65), ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fil-11 ta' Marzu 2020, u f'liema seduta l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ taghhom jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Semghet lill-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Roderick Attard u l-Avukat Difensur Raisa Colombo jaghmlu sottomissjonijiet finali fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2020 liema sottomissjonijiet jinsabu traskritti (*a fol*. 81 *et seq*.)

Rat x-xhieda u d-dokumenti kollha f'dawn l-atti.

KUNSIDERAZZJONIJIET GENERALI

**Preliminari**[1]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll filgideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

[1] Il-**Pulizija vs Reuben Alessandro ABELA** deciza fis-7 ta' Jannar 2020 mill-Imhallef Aaron Bugeja Appell numru 236 tal-2017

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din leventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta – jekk ikun hemm; kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, sure bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż[2], li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Fil-każ Ingliż **Majid**, Lord Moses stqarr hekk[3]:

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence[4]**, Adrian Keane u Paul McKeown jgħidu s-segwenti : -

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury,*

---

[2] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[3] ibid.
[4] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108

*having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed issewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l- argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati talakkużi miġjuba kontrih.

Illi l-partijiet fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni *in primis*, u li għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, trid tosservanza dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule*, l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet Ir-

**Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut issegwenti:

*Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond illigi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata. L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni talprova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta,*

*pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*[5]

In oltre u aktar reċentement fis-sentenza Il-**Pulizija vs Cyrus Engerer**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

*Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan ilkonvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest talprosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita talprovi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.*[6]

Kwindi minbarra r-regola li huwa meħtieġ li tiġi prodotta l-aħjar prova, jekk f'każ partikolari jkun hemm evidenza li tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

[5] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[6] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-kaz imur lura ghat-12 ta' Dicembru 2019 fil-hdax (11) ta' filghodu gewwa c-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal Far fejn l-imputati kienu qeghdin jirresjedu ghaliex dahlu f'Malta b'mod b'mod illegali. Huma flimkien ma' ohrajn ipprotestaw u minn protesta pacifika spiccat f'rewwixta fejn f'hin minnhom l-imputati u ohrajn li ghaddew proceduri kriminali separatament minnhom, dahlu go wahda mit-tined u taw in-nar fejn saret hsara li tlahhaq l-eluf f'soddod u hwejjeg ohra li kien hemm got-tinda. Din it-tinda kienet takkomoda ghadd ta' immigranti izda ma rrizultax li dak il-hin kien hemm xi hadd hemm. Fil-bidu tal-proceduri x'hin il-Qorti saqsiet mistoqsijiet lill-imputat Guma Muhammed dwar fejn kien joqghod Ramallah u minn liema *check point* kien jghaddi biex imur fejn joqghod iddikjara li hu ma kienx Palestinjan kif iddikjara imma kien Egizzjan. L-istess l-imputat l-iehor iddikjara li kien Egizzjan ukoll. L-Ufficjal Prosekutur ikkonferma mal-Konsolat Egizzjan f'Malta li kien tassew Egizzjani.

**Xhieda**

F'dan il-process xehdu disa' (9) persuni kif gej:

Joseph Muscat (a fol 16 et. seq.); Anthony Vidolich (a fol 22 et. seq.); Alfred Attard (a fol 27 et. seq.); PS122 Arthur Borg (a fol 35 et. seq.); Spettur Roderick Attard (a fol 40 et. seq.); Jesmond Amato (a fol 49 et. seq.); Martin Abdilla (a fol 52 et. seq.); Spettur Roderick Attard (a fol 66 et. seq.); Joe Muscat (a fol 69 et. seq.).

**<u>X'hareg mix-xhieda okkulari</u>**

**<u>Joseph Muscat</u>**[7] xehed

*Xhud: Dak inhar li gara l-kaz jiena kont l-ufficcju u cempluli l-Ufficjali li ghandna xi problemi gol-B Block. Jiena nzilt minufih, kienu qeghdin jipprotestaw u jitfghu xi gebel u anke hadid lejn l-Ufficjali tieghi, jiena flimkien ma' Ufficjal iehor tlajna fuq il-bejt ukoll biex nassessjaw is- sitwazzjoni, wiehed minnhom li qieghed fuq in-naha ta' lil hemm.*

*Qorti: Ix-xhud qieghed jidentifika lil Guma Mohammed prezenti fl-Awla.*

*Xhud: Dak baqa' jgaralna l-hadid mili bdew ikissru minn gos-sodod, ghamel mossa b'idejh ukoll li ha jaqtalna ghonqna.*

*Qorti: Ix-xhud qed jaghmel sinjal kif urieh il-qtuh ta' l-ghonq.*

*Xhud: U baqghu jgaraw il-gebel. F'daqqa wahda kollha kemm huma, n-nies kollha li kien hemm fil-bitha hargu l-barra, dahlu fil-Quarters ta' quddiem, ghajtulna minn isfel li qeghdin jippruvaw ikissru l-gates, ahna nzilna nigru isfel u nara lil dawn iz-zewg individwi flimkien ma group iehor.*

*Qorit: Ix-xhud qieghed jindika liz-zewg imputati prezenti fl-Awla.*

*Xhud: U bdew jghidulna : Issa fire, issa fire, issa fire. Baqghu jhabtu u f'daqqa wahda dahlu jigru l-gewwa sakemm ahna tlajna fuq il-bejt biex naraw x'inhu jigri kien hemm dahna enormi u hruq kbir. It-tinda nharqet kollha, barra t-tinda nharqu mija u sebghin (170) sodda plus*

[7] Seduta tat-Tnejn 6 ta' Jannar, 2020

*l-affarijiet kollha li kien hemm got-tinda, l-affarijiet personali tan-nies l-ohra.*

*Qorti: Tajjeb, issa ghamiltu xi stima dwar il-hsarat?*

*Xhud: It-tinda wehidha tiswa sebghin elf (70,000) Euro, s-soddod jiswew hamsa u sebghin (75) Euro l-wahda, kolha ghandi l-ircevuti taghhom.*

*Qorti: u kemm inharqu mija u sebghin (170)?*

*Xhud: Mija u sebghin (170), is-saqqijiet, il-lozor, l-kutri.*

*Qorti: Mela s-sodod jiswew tnax il-elf seba' mija u hamsin (12,750) Euro jigu.*

*Xhud: Il-kutri huma six ninenty five (6.95) il-wahda li ghandek mija u sebghin (170) kutra, ghandek lozor doppji, ghandek tliet mija u erbghin (340) lizar li qeghdin xi two eighty (2.80) roughhl, ghandi l-ircevuti ta' jigifieri.*

*Pros: Dan li ghadek kemm semmejt dan l-incident tiftakar id-data, x'xahar u s-sena meta gara?*

*Xhud: Tnax (12) ta' Dicembru elfejn u dsatax (2019).*

*Pros: Fadallek xi haga xi tghid dwar l-akkadut?*

*Xhud: Jien nahseb li ghidt kollox, huma kienu parti essenzjali minn group ta' nies li ghamlu r-rewwixta u ghamlu dawk il-hsarat kollha.*

*Pros: Mela dan il-group ta' nies bejn wiehed w iehor kemm kien hemm nies?*

*Xhud: Mela barra dawn it-tnejn kien hemm xi konfoffa li kienu bejn wiehed w iehor ghoxrin (20) , tnejn w ghoxrin (22) x'imkien hemmhekk u ahna qghadna l-hin kollu nimmoterjaw biex nghazlu n-nies mija fil-mija nkunu certi li huma l-individwi.*

*Kontro ezami, Dr. Raisa Colombo ghal Guma Mohammed.*

*Difiza: Mela ghadek kemm tghidilna li kien hemm madwar tnejn u ghoxrin (22) persuna li hadu sehem f'din . . .*

*Xhud: Le mhux tnejn u ghoxrin (22) hadu sehem, tnejn u ghoxrin (22) li kienu r-ring leaders.*

*Difiza: Qed tghidli li kien hemm aktar.*

*Xhud: Iva fil-Quarters kien hemm mija u erbghin (140) ruh, imma hafna minnhom li huma ma riedux jippartecipaw, ghax ahna dejjem meta jinqalghu dawn it-tip ta' problemi, ahna nippruvaw immorru qribhom u nghidulhom dawk li ma jridux jippartecipaw jew ikunu agressivi, ghax huma ghandhom id-dritt li jipprotestaw u naghtuhom id-dritt li jipprotestaw b'mod civili, dawk li ma jridux jippartecipaw f'atti vjolenti nghidulhom : Morru f'genb wiehed u dawn is-sinjuri ma marrux fil-genb fejn ikunu n-nies li ma riedux jippartecipaw f'atti agressivi.*

*Difiza: Ftehimna, pero' inti ghadek kemm ghidtilna li dentifikajt madwar tnejn u ghoxrin (22) persuna, specifikament tnejn u ghoxrin (22)?*

*Xhud: Bejn wiehed w iehor.*

*Difiza: Jigifieri jista jkun inqas u jista jkun iktar naqblu?*

*Qorti: Pero' f'dan l-incident ghandna lil dawn iz-zewg persuni li inti ghidt x'kien is-sehem taghhom f'dan il-kaz?*

*Xhud: Iva ezatt.*

*Qorti: Kien hem persuni ohra li ghamlu affarijiet ohra.*

*Xhud: Iva.*

*Qorti: U dawk il-persuni l-ohra hemm passi kontrihom ukoll hux hekk?*

*Xhid: Iva hemm passi kontrihom ukoll.*

*Pros: Quddiem Qorti diversiment preseduta.*

*Difiza: Mela peress qed tghidli kien hemm madwar tnejn u ghoxrin (22) ring leaders imbaghad kien hemm xi nies ohra li ma kellhomx forsi daqshekk sehem attiv bhal nies ohra, nimmagina li kien hemm kommossjoni mela?*

*Xhud: Ifhem il-kommossjoni l-iktar li nholqot x'hin l-individwi harqu t-tinda, ghax ovjament it-tinda holqot duhhan enormi peress li l-materjal taghha huwa highly flammable, plus li s-saqqijiet joholqu certu duhhan, ovjament tinholoq il-kommossjoni.*

*Difiza: Jigifieri kien hemm naqra konfuzjoni, ha nuza dik il-kelma.*

*Xhud: Il-konfuzjoni biex nirrispondik ezatt, il-konfuzjoni nholqot wara li sar l-att, qabel sar l-att l-uniku konfuzjoni li kien hemm li l-individwi bl- atti li kienu qeghdin jaghmlu li jien xhedt fuqhom, il-konfuzjoni saret wara.*

*Difiza: Imma jigifieri qabel sar il-hruq biex nifthemu, l-atti li kienu qeghdin isiru s-sitwazzjoni ma kienetx kalma, naqblu?*

*Xhud: Is-sitwazzjoni ma kienetx kalma imma dik hija sitwazzjoni normalissima li ahna nafu nihhandiljawha, parti minn xogholna hu li waqt li jkun hemm dak it-tip ta' affarijiet li qed jigru, ahna nibdew nassessjaw u nibdew nidentifikaw l-individwi li qeghdin joholqu t-trouble, ghax hafna drabi graw kazijiet li jkun hemm certu nies, ring leaders li jippruvaw joholqu t-trouble u ahna bil-kelma t-tajba jirnexxilna nikkalmaw is-sitwazzjoni, nohorguhom u nitkellmu maghhom u business as usual is-sitwazzjoni terga titranga.*

*Difiza: Mela inti bdejt billi ghidtilna li kont fl-ufficcju tieghek meta gew jinfurmawk bl-affarijiet, il-bqija ta' l-affarijiet, tar-reati inti kont xhud ghalihom, rajthom b'ghajnejk?*

*Xhud: Iva r-reati x'hin bdew igaraw il-gebel u l-hadd u qalulna illi fire, fire, iva jien kont prezenti.*

*Difiza: Kont prezenti u rajthom b'ghajnejk.*

*Xhud: Qed nixhed taht gurament.*

*Difiza: Mela semmejt kif is-sinjur, qed nindika lil Guma, beda jgara xi hadid.*

*Xhud: Iva.*

*Difiza: Iktar il-quddiem semmejt li l-hadid kien xi hadid tas-sodod?*

*Xhud: Iva.*

*Difiza: Issa peress li semmejt li ghandek xi kwotazzjonijiet etc da parti tieghek, dan inti tista tidentifika jekk per ezempju l-hadid kienx minn sodda wahda jew minn iktar minn sodda wahda?*

*Xhud: Ifhem skuzani Avukata, nahseb id-domanda hija naqra rrelevanti. Jiena ma nistax nghidlek minn liema sodda qalghu l-hadid, imma jekk ghandek mija u sebghin (170) sodda taht it-tinda minn certu sodod.*

*Qorti: U l-hsara mhux ghax inqalght il-hadida mis-sodda, minhabba l-hruq irrizulta ghax hemm biss issemmew is-sodod, mija u sebghin (170) sodda.*

*Difiza: Imma semma li l-hadid li beda jwaddab kien tas-sodda.*

*Qorti: Iva imma mitt (100) hadida, tnejn (2), tlieta (3) hadid.*

*Difiza: Il-valutazzjoni heqq.*

*Qorti: Il-valutazzjoni fuq il-hruq qiegheda u mhux ha taghmel differenza, fuq il-hruq mhux li kisser.*

*Xhud: Ifhem bil-hruq nista nikkonfermalek li s-sodod gew distrutti.*

*Difiza: . . . inti smajt jigifieri z-zewg imputati hawnhekk flimkien ma ohrajn fire, fire sewwa?*

*Xhud: Now fire, fire.*

*Difiza: Now fire, fire mhix problema, issa inti rajt b'ghajnejk min vera qabbad it-tinda, iva jew le?*

*Xhud: Ha nirrispondik iva jew le hija naqra domanda li mhijiex facli, li rajt jien lil dawn it-tnejn min nies ma ohrajn x'hin bdew jghidulna fire, fire telqu jigru l-gewwa . . .*

*Qorti: Sa dak il-hin ma kienx hemm hruq?*

*Xhud: Ma kien hemm xejn hruq.*

*Qorti: X'hin dahlu gewwa.*

*Xhud: Malli dahlu gewwa ahna tlajna nigru minn fuq il-bejt ghax minn fuq il-bejt naraw it-tinda minn fuq . . .*

*Qorti: U rajtu d-dahna skond x'ghidt int.*

*Xhud: Rajna vampa enormi, vampa enormi.*

*Difiza: Rajtu vampa enormi jigifieri jekk insaqsik biex tqabbad in-nar taf twegibni?*

*Xhud: Biex tqabbad in-nar tista tqabbad in-nar b'sigarett . . .*

*Qorti: Le ma tafx biex int?*

*Xhud: Jien ma nafx biex tqabbad.*

*Difiza: Ma tafx biex tqabbad u ma rajtx ezatt min qabdu?*

*Xhud: Ma nistax nghidlek l-individwu min hu.*

Ix-xhud **Joseph Muscat** rega' xehed fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2020 fejn esebixxa stima u ircevuti tal-ammont tad-danni li kien hemm fir-rewwixta li sehhet fit-12 ta' Dicembru 2019 (*a fol.* 71 *et seq*). B'kollox id-danni kienu

ta' sitta u tmenin elf, disa' mija u erbatax-il ewro u disgha u sittin centezmu (€86,914.69).

Ix-xhud **Anthony Vidolich**[8] xehed li:

*Xhud: Gara illi kien hemm rewwixta, ahna jigifieri konna hemmhekk stazzjonati hemmhekk.*
*Qorti: Id-data meta kienet?*
*Xhud: Id-data fit-tnax (12) ta' Dicembru jekk qed niftakar sewwa, ghal habta ta' xi nofs siegha (12:30) qisu, xi haga hekk gara r-riot.*
*Pros: Ta' liema sena?*
*Xhud: Is-sena li ghaddiet elfejn u dsatax (2019). Rajna dak kollu li qed isir f'din irrewwixta, kien hemm skoss nies hemmhekk jigifieri jghixu f'din l-istess blokka l-B Block u rajna din ir-rewwixta ssehh. Kien hemm min kien pacifiku, qaghad sew, pero' kien hemm ohrajn li kienu agressivi hafna.*
*Pros: Tajjeb, sur Vidolich b'rabta ma din ir-rewwixta li qed issemmi qed taghraf xi nies hawnhekk f'din l-awla?*
*Xhud: Iva.*
*Pros: Tindika daqsxejn min hu x'ghamel jekk joghgbok?*
*Xhud: Dawn it-tnejn min-nies li qed nara hawnhekk rajthom hemmhekk minn wara l-hadid.*
*Pros: Ntolbok tindika wiehed wiehed minnhom u tghid x'ghamel.*

[8] Seduta tat-Tnejn 6 ta' Jannar, 2020

*Xhud: Hafna kellhom hafna rabja go fihom sahansitra wiehed minnhom tan-naha tax-xellug dak li qieghed inhares lejh anke ghamel xi mossi li mhumiex xierqa.*

*Qorti: Ix-xhud qed jindika lil lil Guma Mohammed prezenti fl-awla.*

*Xhud: Ghamel mossi tat-thanxir.*

*Pros: Tajjeb, apparti dawn il-mossi u dawn l-affarijiet kien hemm xi haga ohra li grat dakinhar?*

*Xhud: Sintendi dawn joffendulek il-familja u kollox milli nista nifhem naqra lingwa.*

*Pros: Tajjeb, kien hemm xi affarijiet ohra?*

*Xhud: L-affarijiet imbaghad skalaw u sahansitra rajt lilhom ukoll dahlu jigru bdew jghajtu fire u kull ma rajna dahna wahda, qisu hadet f'minuta din id-dahna, it-tinda qabdet b'konsegwenza li s-soddod u kollox li kien hemm spicca.*

*Pros: Tajjeb, mela tghid daqsxejn din it-tinda x'hemm tahtha?*

*Xhud: Soddod.*

*Pros: Soddod li jakkomodaw lil min?*

*Xhud: Jakkomodaw lill immigranti stess.*

*Pros: U dawn iz-zewg sinjuri allura x'ghamlu, inti qed tghid li rajthom jigru.*

*Xhud: Iva rajthom jigru, kif ghidtlek diga sir, dawk li ma riedux jiehdu sehem f'din il-prostesta qaghdu fejn kellhom joqghodu f'genb, pero' dawn rajnihom jigru l-gewwa dak il-hin li gara dak l-incident.*

*Pros: Apparti dawn in-nies, dawk li ndikajt inti, dawn li hawn fl-Awla kien hemm xi nies ohra li grew lejn id-direzzjoni tat-tinda?*

*Xhud: Kien hemm kunfuzjoni illi difficli biex, minghalija dakinhar konna gbarna xi tnax (12) jekk mhux sejjer zball jew hdax (11),*

*jigifieri kont wiehed minnhom li dhalt wara wkoll biex narrestaw lil dawn in-nies tajjeb, dak kollu li nista nghid, kunfuzjoni kbira, rewixta.*

*Pros: U inti qed tghid li dawn iz-zewg persuni dahlu jigru lejn it-tinda?*

*Xhud: Iva.*

*Pros: U wara xi hin it-tinda hadet in-nar.*

*Xhud: Qabdet huggiega whda.*

*Pros: Bejn dawn iz-zewg min nies li inti qed tghid li rajt jigru lejn it-tinda kien hemm xi nies ohra li dahlu jew xi gruppi ta' nies ohra li dahlu?*

*Xhud: Kien hemm min ha jigri 'l hawn u ha jigri 'l hemm, pero' 'l hemmhekk dawn it-tnejn min nies jiena rajthom jigru zgur.*

*Kontro ezami :*

*Difiza: Mela ghadek kemm tghidilna sinjur li kien hemm kunfuzjoni kbira sewwa u kien hemm min dahal gewwa t-tinda, fhimt4ek sew jiena? Mela ha nibdew mill-bidu, . . . kommozzjoni u kien hemm min beda jagixxi b'certu mod ghidtilna etc. etc. Issa meta kien hemm in-nar, meta t-tinda hadet in-nar qabel kien hemm xi kliem li tlissnu kontrikom jew f'sens ta' nar?*

*Xhud: Li ma ghidtx lis-sinjur, sahansitra dawn bdew iwaddbulna l-gebel, anka hadid li seta' ngieb mill-istess sodod nassumi u waslu fid-direzzjoni taghna jigifieri wkoll.*

*Difiza: U kapaci tidentifikahom in-nies min waddab il-gebel u hadid?*

*Xhud: Kif ghidt lis-sir tnejn minnhom rajthom.*

*Difiza: It-tnejn minnhom?*

*Xhud: Iva rajthom dehlin.*

*Difiza: It-tnejn li huma. Issa meta hadet in-nar it-tinda qed tghidilna li kien hemm konfuzjoni sewwa?*

*Xhud: Ezatt.*

*Difiza: Inti rajt min qabbadha t-tinda., min taha n-nar?*

*Xhud: Sintendi le imma l-izjed qrib tat-tinda kienu dawn it-tnejn min nies.*

*Difiza: Le, imma inti ma rajtx b'ghajnejk min qabbadha t-tinda, naqblu?*

*Xhud: Min abbadha ma rajtux bis-sulfarina f'idu, pero' . . .*

*Difiza: U nghid sew li ma kienux l-unika zewg min nies li dahlu taht it-tinda?*

*Qorti: Fir-rapport li hawn tal-pulizija li bdew jghajtu fire, fire dawn it-tnejn biss ghajtu fire fire jew kien hemm nies ohra li ghajtu fire, fire qabel dahlu hemm gew?*

*Xhud: Dawn it-tnejn min nies l-izjed.*

*Qorti: Inti lil dawn it-tnejn min nies li rajt.*

*Difiza: Biss imma?*

*Qorti: Li ghajtu fire, fire?*

*Xhud: Li ghajtu fire, fire.*

*Difiza: Jigifieri nies ohra li ghajtu fire, fire li kienu maghhom li dahlu taht it-tinda qed tghid li m'ghajtux hekk?*

*Xhud: Min ma hax sehem.*

*Difiza: Mhux qed nghidlek min ma hax sehem ghal min ha sehem qed nghid.*

*Xhud: Minn ma hax sehem, imma jien qed nghidlek x'rajt jien, ghax jien kont hemm. Min ma hax sehem meta bdew jghajtu fire, fire, dawk li ma hadux sehem, dawk li kienu pacifici ukoll bdew jghidu fire, fire, ovja hu.*

*Difiza: Jigifieri ara jekk hux qed nifhmek sew, bhala ring leaders qed tghid li kienu dawn it-tnejn biss?*

*Xhud: Tnejn min nies, il-kunjomijiet ma tantx niftakarhom pero' l-ucuh niftakarhom hafna, ghandi esperjenza.*

*Difiza: Imma jigifieri bhala ring leaders . . .*

*Qorti: Kompli ghandek esperjenza?*

*Xhud: Ghandi esperjenza ta'erbatax (4) il-sena nahdem maghhom u fotokopja naf nehodha.*

*Difiza: M'ghandix dubju mill-esperjenza tieghek, jiena kull ma qieghda nistaqsik jigifieri inti qed tghid li bhala ring leaders li hadu sehem f'din ir-rewwixta li eventwalment qabdet it-tinda sewwa li inti qed tghidilna li ma rajtx min qabbadha, kienu dawn it-tnejn biss.*

*Xhud: Jekk hux biss jien ma nistax nghid pero' kienu tnejn minnhom.*

Ix-xhud **<u>Alfred Attard</u>**[9] xehed li

*Xhud: Mela fit-tnax (12) ta' Dicembru elfejn u dsatax (2019) kien ghal habta tal-kwarta (12:15), n-nofs siegha (12:30) meta hin minnhom gew parti mid-detenuti mal-grada u bdew jghidu fire, fire. F'hin minnhom*

[9] Seduta tat-Tnejn 6 ta' Jannar, 2020

*ahna tlajna fuq il-bejt, sakemm tlajna ahna rajna vampa, t- tinda qabdet.*

*Qorti: Issa dan lil min rajt jghid fire, fire, qed taghraf lil xi hadd hawn fl- Awla?*

*Xhud: Ifhem tnejn minnhom kienu dawn it-tnejn.*

*Qorti: Minn dawk li bdew jghajtu fire, fire, qabel rajt xi haga ohra qabel smajt lil dawn jghajtu fire, fire jew ma kontx hemm?*

*Xhud: Le ma kontx hemm dak il-hin jiena.*

*Qorti: Jigifieri inti dik biss rajt?*

*Xhud: Iva.*

*Qorti: Li jghajtu fire, fire u minn dawk li kien hemm tnejn minhom kienu dawn iz-zewg persuni.*

*Xhud: Tnejn minnhom kienu dawn iz-zewg persuni.*

*Qorti: Ix-xhud qed jindika lil imputati prezenti fl-Awla.*

*Pros: Ftit wara li samajt dan id-diskors x'gara mbaghad, inti smajt fire, fire, x'gara wara?*

*Xhud: Imbaghad tlajna fuq il-bejt u rajna dahna.*

*Pros: U din id-dahna kienet provenjenti minn fejn?*

*Xhud: Mit-tinda.*

*Pros: U din it-tinda x'uzu ghandha, ghid daqsxejn lill-Qorti x'uzu ghandha din it-tinda.*

*Xhud: Kienu jorqdu fiha.*

*Pros: Min?*

*Xhud: Id-detenuti, kien hemm is-sodod jigifieri, bhal dormitorju, kienu jaghmlu uzu minnha huma.*

*Pros: U apparti dan id-diskors inti b'ghajnejk rajt xi nies forsi dehlin go din it-tinda qabel ma rajt id-dahna?*

*Xhud: Le, le ma rajtx ghax sakemm tlajna jigifieri, lanqas ilhaqna tlajna rajna dahna tiela.*

*Qorti: Jigifieri inti fire, fire, halli nahgmlu naqra distinzjoni fire, fire ghax kien hemm in-nar jew fire, fire biex . . .*

*Xhud: Le biex juru li se jqabdu.*

*Qorti: Li se jqabdu mhux ghax kien hemm in-nar?*

*Xhud: Le, le kien ghadu m'hemmx.*

*Qorti: Biex naghmlu naqra distenzjoni.*

*Pros: Tajjeb, m'ghanedix iktar domandi Sur Magistrat.*

*Kontro ezami :*

*Difiza: Mela inti semmejtilna kif smajt lil dawn iz-zewg persuni . . .*

*Qorti: Fost l-ohrajn.*

*Difiza: . . . jghajtu fire, fire fost ohrajn, taf tghidilna bejn wiehed w iehor kemm kienu b'kollox li hadu sehem fiha?*

*Xhud: Ifhem kienu hafna huma imma kien hemm qisu hamsa (5) ring leaders.*

*Difiza: Hamsa (5) ring leaders?*

*Xhud: Ehe, tnejn minnhom huma dawn it-tnejn.*

*Difiza: U l-ohrajn kapaci tidentifikahom inti t-tliet (3) l-ohra? It-tlieta (3) l- ohrajn perss li ring leaders inti qed tghid li kien hemm hamsa (5), t-tlieta (3) l-ohra kapaci tidentifikahom tghid ezempu ivda dak u dak?*

*Xhud: Iva diga tlajt darba ohra jiena.*

*Qorti: F'Qorti ohra.*

*Xhud: F'Qorti ohra iva.*

*Qorti: Ghax hemm nies ohra akkuzati f'Qorti ohra.*

*Difiza: Ezatt, issa dawn ir-ring leaders naqblu intom li smajt jghajtu fire, fire imma mbaghad intom tlajtu fuq il-bejt ghidtlu hux hekk?*

*Xhud: Iva.*

*Difiza: U rajt u d-dahna.*

*Xhud: U rajna dahna.*

*Difiza: Jigifieri taqbel mieghi li ma rajtx minn vera qabbad it-tinda?*

*Xhud: Le min qabbad ma rajtux.*

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti se tanalizza l-imputazzjonijiet fl-isfond tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali biex tevalwa dak li hu maghruf *il piu comprende l'meno* jew imputazzjonijiet li jkunu inghataw bhala alternattiva ghal ohrajn. Ghal dan il-ghan il-Qorti se tidhol fid-dettal dwar l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati qabel issib htija jew le.

**<u>Volontarjament jaghti n-nar - artikolu 317 tal-Kap 9</u>**

Skont in-Nota ta' l-Avukat Generali qieghed jibbaza l-ewwel imputazzjoni (1) fuq artikolu 316, 317 u 318 tal-Kap 9.

Artikolu 316 jghid:

> *316. Kull min volontarjament jagħti n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew ikun hemm persuna filwaqt tal-ħruq, jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal għomru:*

*Iżda, jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel -*

*(a) jekk huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien, hemm xi persuna, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena;*

*(b) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa disa' snin.*

Artikolu 317 jipprovdi:

***317.** Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il- bini, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk il-ħruq iqabbad band'oħra, il-piena ta' priġunerija għal għomru:*

*Iżda jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel -*

*(i) jekk hu seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix, jew lok li ħa n-nar mill-ħruq, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin;*

***(ii) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin**;* (enfazi tal-Qorti)

*(b) jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin.*

Artikolu 318 jghid:

> ***318.*** *Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin.*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono l-**Pulizija vs Valentine Sciberras** deciza fil-11 ta' Jannar 2007 li trattat dwar hruq b'mod volontarju:

> *Illil-appellant pero' jobbjetta ukoll li l-artikolu 316 (b) li fuqu tidher bazata l-ewwel imputazzjoni skond in-Nota ta' l-Avukat Generali (fol.210) u skond ma gie citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ghandu bhala element essenzjali tieghu li s-soggett passiv tar-reat irid ikun persuna differenti w mhux l-akkuzat stess. In sostenn ta' dan iccita s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Superjuri) fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Desira "** [13.5.1999]*
>
> *Fit-trattazzjoni orali tieghu, l-abbli prosekutur Dr. Tonna Lowell, issottometta li f' kaz li ma tirrizultax htija taht l-artikolu 316(b) tista' tinstab htija taht l-artikolu 317 jew 318 li huma reati komprizi w involuti fir-reat kontemplat fl-art. 316 (b).*

*L-abbli difensur Dr. Joseph Giglio pero' rribatta li se mai mhux l-artikolu 317 imma l-artikolu 318 hu applikabbli, imma f'kull kaz dan mhux reat kompriz u nvolut fl-artikolu 316.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi is-sentenza ta'* ***Joseph Desira*** *citata mill-appellant proprjament tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali u mhux tal-artikolu 316(b) in dizamina. B' dana kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti d-difiza ghandha ragun meta tissottometti li l-persuna li tkun gewwa l-lok jew bastiment li jinghata n-nar u cioe' s-suggett passiv tar-reat trid ikun differenti mill-persuna li attwalment tkun appikkat l-incendju w li konsegwentement ma jistax ikun applikabbli l-artikolu 316(b) invokat mill-Avukat Generali, ghaliex fuq il-lancja Lady Tess, meta gie appikkat in-nar, ma rrizulta li kien hemm hadd iehor hlief l-appellant innifsu li hu l-persuna li qabbad in-nar. Lanqas ma hu applikabbli, fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 317, ghax ma saret ebda prova li fil-bastimenti jew ingenji tal-bahar li kienu vicin il-Lady Tess u li spiccaw qabdu ukoll jew gew danneggjati bin-nar jew, addirittura fil-bini tal-faccata, qrib fejn anki spiccaw waslu xi oggetti jaqbdu w li ntfew mill-ewwel Pulizija li wasal fuq il-post, kien hemm xi nies fihom, anki jekk, f' kull probbabilta', x' aktarx li fil-bini faccata tat-triq kien hemm xi nies. Imma l-probabbli mhux bizzejjed biex tirrizulta l-htija, trid issir il-prova sal-grad tac-certezza morali.*

*Invece tidher li tirrizulta fil-konfront tal-appellant l-imputazzjoni taht l-artikolu 318, li, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wahda kompriza w*

*involuta fir-reat imputat lill-appellant mill-Avukat Generali, ghaliex tikkontempla proprju l-istess att materjali kontemplat fl-artikolu 316 ossia "**kull min jaghti volontarjament jaghti n-nar li bini, gharix jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316"** (ergo bastiment ukoll), pero' b'konsegwenzi inqas gravi ghax fil-lok ma jkun hemm hadd iehor u ma jkunx hemm il-perikolu li jaqbad lok iehor fejn ikun hemm xi persuna hemm gew. Fil-kaz ta' dar-reat, il-piena hija wahda inqas minn dik kontemplata fl-artikolu 316 u 317, u ghalhekk hu certament "reat izghar" li hu kompriz fl-ewwel imputazzjoni kif testwalment dedotta fit-termini tal-art.467 (4).*

*Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-aggravju ta' natura legali sollevat mill-appellant huwa gustifikat izda ma jwassalx ghall-assoluzzjoni kompleta, imma biss biex tinstab htija ta' reat minuri kompriz u involut kontemplat fl-artikolu 318 minnflok dak addebitat lill-appellant taht l-artikolu 316 (b), kif ser jigi deciz f' din is-sentenza.*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza barranija fejn trattat dan is-suggett:

Lord Bingham of Cornhill qal*: 'in any statutory definition of a crime, 'malice' must, as we have already seen, be taken – not in its vague common law sense as 'wickedness' in general, but – as requiring an actual intention to do the particular kind of harm that in fact was done . . For it is essential to arson that the incendiary either should have intended the building to take fire, or, at least, should have recognised the*

*probability of its taking fire and have been reckless as to whether or not it did so.'*[10]

*'Again, if you think that the prisoner set fire to the frame of the picture with a knowledge that in all probability the house itself would thereby be set on fire, and that he was reckless and utterly indifferent whether the house caught fire or not, that is abundant evidence from which you may, if you think fit, draw the inference that he intended the probable consequences of his act, and if you draw that inference, then, inasmuch as the house was in fact set on fire through the medium of the picture frame, the prisoner's crime would be that of arson.'*[11]

Lord Diplok qal*: 'I see no rational ground for excluding from conduct capable of giving rise to criminal liability, conduct which consists of failing to take measures that lie within one's power to counteract a danger that one has oneself created, if at the time of such conduct one's state of mind is such as constitutes a necessary ingredient of the offence. I venture to think that the habit of lawyers to talk of actus reus, suggestive as it is of action rather than inaction, is responsible for any erroneous notion that failures to act cannot give rise to criminal liability in English Law.'*[12]

Mill-provi li fliet din il-Qorti jirrizulta li meta l-imputati flimkien ma' ohrajn hux bhala awturi jew komplici taw n-nar, ma kien hemm hadd fit-tinda u ghalhekk se tiehu inkonsiderazzjoni ta' dan, fid-decizjoni taghha.

[10] REGINA V G AND R: HL 16 OCT 2003
[11] REGINA V HARRIS: 18 (1882) 15 COX CC 75
[12] REGINA V MILLER: HL 17 MAR 1982

**Hsara volontarja – artikolu 325 tal-Kap 9**

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Zahra**, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

> *"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

Dwar din l-imputazzjoni jqumu argumenti ta' natura legali dwar danni volontarji fuq il-proprjeta' ta' terzi. Ladarba l-hsara qed jigi allegat li saret bhala rizultat t'incendju mqabbad mill-imputati jew kienu komplici biex tqabbad da nil-hruq, allura l-Avukat Generali ma setax jinvoka l-artikolu 325 bhala l-artikolu li tahtu setghet tinstab htija. Fl-appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Mark Mizzi"**[13] [ 11.5.2006] il-Qorti qalet hekk :-

> *"Illi l-kontenzjoni tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kienet li l-artikolu 325 ma japplikax ghal dawn il-fatti ghaliex l-actus reus ma jistax ikun*

[13] Liema decizjoni kienet abbracjata mill-Imhallef Joe Galea Debono fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Valentine Sciberras deciza fil-11 ta' Jannar 2007 – Appell Nru. 244/06

*dak ta' tqabbid ta' nar go dar, ghaliex dak ir-reat hu kopert b' artikoli ohra tal-ligi , senjatament bl-artikoli 316, 317 u 318 tal-Kodici Kriminali. Invece l-artikolu 325 indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, jipprovdi ghall-kazijiet ta' min volontarjament ihassar,jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli,* ***b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.***

*"Issa s-Sub-titolu IV tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, li jittratta dwar delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq hsarat fil-proprjeta', johloq diversi reati specifici w cioe' :- dak ta' hsara bi* ***spluzzjoni*** *doluza (art. 311,312,) dak ta' min izomm jew jaghmel* ***sustanza esplussiva*** *(art. 313); dak ta' min dolozament jikkonsenja jqieghed, jispara jew jisplodi xi* ***mezz letali*** *u cioe' kull haga imfassla sabiex, jew li ghandha l-kapacita' li tikkawza l-mewt, hsara gravi fuq il-persuna jew proprjeta' billi thalli johorgu jew jinfirxu, jew bl-impatt ta' kimici tossici jew agenti biologici, jew toxins jew sustanzi simili jew radjazzjoni jew materjal radioattiv (art. 314A); dak ta' min dolozament ikollu ghandu jew jaghmel uzu minn, jikkonsenja, ibiddel, jiddisponi minn jew ixerred* ***materjal nukleari*** *li jista' jqieghed f' perikolu il-hajja ta' haddiehor, ecc. (art. 314B); dak ta' min jaghti* ***n-nar*** *jew b' xi mod iehor jiddistruggi tarznar, bastiment tal-gwerra, mahzen tal-porvli, bacil pubbliku jew kamp ta' artillerija; (art. 315) ; dak ta' min* ***jaghti n-nar lil dar , mahzen hanut , dar t' abitazzjoni , bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq*** *(art. 316); dak ta' min volontarjament* ***jaghti n-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma***

***jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, ecc.*** *(art. 317); dak ta' min* ***jaghti n-nar lil bini gharix jew lok iehor izda fil-waqt li ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa u dan il-bini, gharix jew lok iehor ikun qieghed b' mod li ma jistax iqabbad hruq f' bini, iehor, gharix jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa*** *(art. 318) dak ta' min* ***jaghti n-nar lil dwieli, qatgha imhawwla ta' sigar, munzelli, jew gemgha ohra ta' qmugh , qoton jew prodott iehor simili****, ecc. (art. 319); dak ta'* ***espluzzjoni ta' mina*** *(art. 320); dawk ta'* ***wiri ta' dwal foloz*** *b' perikolu ghan-navigazzjoni u* ***qtugh ta' ktajjen*** *(art. 321, 322 u 323).*

*"Wara din il-lista ezawrjenti hafna li tikkontempla numru kbir ta' mezzi differenti kif wiehed jista' jikkaguna hsara lil persuni jew proprjeta', il-ligi fl-artikolu 325 tohloq speci ta' delitt residwali biex ikopri xi tip ta' hsara ohra li ma hix inkluza fl-artikoli dettaljati w specifici li jippreceduh u tghid testwalment :-*

*"(1) Kull min,* ***<u>B' MEZZI XORT' OHRA MINN DAWK</u>*** *<u>IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI TA' QABEL TA' DAN IS-SUB-TITOLU</u> , volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobbli , jehel meta jinsab hati…." (sottolinear ta' din il-Qorti.)*

*"Illi l-appellat qed jissottometti – kif ghamel anki quddiem l-Ewwel Qorti b' success – li d-dicitura ta' dan l-artikolu ma thalli ebda dubju li biex jissussisti dan ir-reat, irid jigi uzat xi mezz differenti ghal kollox mill-mezzi elenkati b' mod ezawrjenti fl-artikoli ta' qabel.*

*"Din il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni. Dan ghaliex il-fatti li qed jigu addebitati lill-appellat huma proprju dawk li* ***ta nar*** *lill-****bini jew dar t' abitazzjoni*** *w b' hekk ikkaguna danni fil-proprjeta' tal-genituri tieghu. Kjarament dan l-agir li jaqa' taht ir-reat tal-incendju doluz hu espressament kopert b' xi wiehed mill-artikoli 316, 317 u 318 fuq imsemmija, skond ic-cirkostanzi li jirrizultaw. Igifieri l-legislatur haseb b' reat "ad hoc" taht id-diversi cirkostanzi kontemplati f' dawn it-tlitt artikoli ghall-agir addebitat lill-appellat u ghalhekk hawn ma jidholx l-artikolu residwali kontemplat fl-artikolu 325.*

*"…. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-"mezzi xort' ohra" imsemmija fl-artikolu 325 ma jikkomprendux l-ghoti tan-nar lil bini w abitazzjoni, ghax dan hu mezz kopert b' artikoli ohra "ad hoc"."*

Il-Qorti ssostni li biex tirrizulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta' <u>xi mezz iehor</u> mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li l-hsara grat bhala konsegwenza ta' hruq fuq il-propjeta' fic-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal Safi, reat kopert bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 317 u/jew 318.

**<u>Komplici</u>**

Il-Qorti se tezamina jekk is-sehem tal-imputati kienx bhala atturi jew komplici mal-atturi, liema punt kien trattat kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza fis-sottomissjonijiet finali.

Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali indikat fin-nota tal-Avukat Generali jipprovdi li:

> *42. Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija -*
>
> *(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew*
>
> *(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*
>
> *(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew*
>
> *(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*
>
> *(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.*

Artikolu 43 jipprovdi li:

*43. Barra minn meta l-liġi tgħid xort'oħra, il-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur.*

Fl-Artikolu 44 l-Kodici Kriminali jipprovdi:

*44. Meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, iċċirkostanzi li għandhom x'jaqsmu biss mal-persuna ta' xi waħda minnhom individwalment, sew jekk tkun awtur jew kompliċi, u li lilha jkunu jneħħulha, ikabbrulha jew inaqqsulha l-piena, ma jiswew la ta' ġid u lanqas ta' deni lill-oħrajn li jkunu mdaħħlin flistess delitt.*

**45.** *Meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, kull att magħmul minn waħda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew kompliċi, u li jkun jagħmel iżjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss -*

*(a) lill-persuna li tagħmel l-att;*

*(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u*

*(ċ) lill-persuna li, għad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qiegħed isir, u għad li kienet tista' timpedih, ħallietu jsir.*

**46.** *Meta jiġi stabbilit li fil-fatt sar delitt, il-kompliċi jeħel, apparti mill-awtur, allavolja dan ikun miet, jew ħarab, jew tkun ġiet lilu mogħtija l-maħfra, jew b'xi mod ieħor ikun ġie meħlus qabel ilkundanna, jew ukoll jekk l-awtur ma jkunx magħruf.*

Mill-provi prodotti il-Qorti ma tistax tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputati taw in-nar skont kif mixlija. Iżda fin-nuqqas ta' provi li l-imputati kienu l-awturi tar-reat addebitat lilhom il-Qorti ma tistax tieqaf hawn iżda trid tissokta teżamina jekk kienx hemm provi biżżejjed sabiex l-imputati jiġu ritenuti kompliċi fir-reat addebitat lilhom. Ix-xhieda li taw l-ufficjali tad-detention mhix kontradetta mill-ebda prova ohra taghti indikazzjoni sewwa x'gara fejn l-imputati flimkien ma' ohrajn fil-protesta li kienu qeghdin jaghmlu barra hsara fuq il-propjeta' fejn kienu qeghdin jghixu bl-ghajta ta' *fire, fire*, dahlu u harqu l-alloggfejn kienu qeghdin jinzammu.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lisa Pace, Omissis**[14]:

> *Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza taghna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni – li din il- persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal- Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li dik il-persuna marret ma' l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellhu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb*

[14] Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 9 ta' Jannar 2012

*komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.*[15]

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hu imperattiv li jsir tenut kont in partikolari ta' dak previst fl-artikolu 467(3) tal-Kodiċi Kriminali li huwa reż applikabbli għall-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura bl-artikolu 525(3) tal-istess Kodiċi. L-artikolu 467(3) msemmi jipprovdi li:

*"Meta tnejn min-nies jew aktar ikunu akkużati bħala awturi ta' reat u jiġi ippruvat li dan ir-reat sar minn wieħed minnhom jew aktar, iżda ma jiġix ippruvat minn liema wieħed minnhom jew uħud minnhom, il-ġuri jista' jiddikjara lill-akkużati kollha ħatjin bħala kompliċi fir-reat, jekk ikun ġie ippruvat li lkoll ħadu fir-reat parti biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi."*

Din il-Qorti tinnota li ghalkemm ma ġiex pruvat min liema wieħed jew uħud mill-imputati ohra wettqu ir-reat addebitat lilhom fl-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti hi sodisfatta li ġie pruvat mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-istess reat sar minn wiehed minnhom jew aktar. Il-Qorti hi wkoll sodisfatta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li kull wieħed mill-imputati ħa sehem fir-reat biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi fir-reat. Dwar id-"deskrepanzi" li semmiet l-abbli avukat difensur il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija *vs* Charles Bianco**[16] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

[15] Il-Pulizija vs Carmelo Agius, Appell Kriminali, deciz 24.05.2002
[16] Appell Kriminali Numru. 115/2006

*Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

**<u>Tixwix ta' ġemgħa ta' nies</u>**

L-Avukat Generali fil-lista ta' reati addebitati ghall-imputati hemm ukoll dawk li jipprovdi ghalihom Artikolu 68(2)(3) tal-Kap 9:

*68. (1) Kull min ixewwex ġemgħa ta' nies, illi hekk imxewxa jinġabru f'numru ta' għaxra jew aktar, sabiex jagħmlu reat, jeħel, meta jinsab ħati,*

*għall-fatt biss tat-tixwix, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*

*(2) Kull min jieħu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, għalkemm dik il-ġemgħa ta' nies ma tkun ġiet imxewxa minn ħadd in partikulari, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur jew il-multa.*
*(3) Jekk ir-reat li dik il-ġemgħa ta' nies kellha l-ħsieb li tagħmel fil-fatt isir, għandhom jiġu mogħtija, jekk il-piena stabbilita għar-reat tkun anqas mill-pieni hawn fuq imsemmija, dawn il-pieni biż-żieda ta' grad; iżda, jekk il-piena li hemm għarreat tkun akbar minn dawn il-pieni, jew daqshom, għandha tiġi mogħtija dik il-piena biż-żieda ta' grad.*

**<u>Attruppament Artikolu 68 tal-Kodici Kriminali</u>**

Ir-reat tal-attruppament huwa kontemplat fl-artikolu 68(1) tal-Kodici Kriminali, u cioe' li xewwex gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa ngabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat.

Dwar dan ir-reat la l-Prosekuzzjoni u lanqas id-Difiza ma ghamlu sottomissjonijiet.

Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Theuma et.** (25.09.1975), l-element tax-xjenza fir-reat ta' l-attruppament – l-intenzjoni li jigi kommess reat – tigi dedotta mill-kwadru kollu tac-cirkostanzi.

Fil-kaz odjern l-imputati kollha kienu parti minn gemgha ta' nies u bl-ghemil taghhom il-Qorti trid tqis jekk dak li wettqu iwassalx ghal htija that ir-reat minuri kontemplat fl-Artikolu 68(2).

Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Galea et.** (29.02.1964), l-element ta' dan id-delitt huma (1) partecipazzjoni attiva; (2) f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar; u (3) bl-iskop jew hsieb li tigi miksura l-ligi, u cioe' l-ewwel zewg ingredjenti msemmija huma l-element materjali u l-ahhar menzjonat jikkostitwixxi l-element intenzjonali.

Fir-rigward ta' l-ewwel element, f'Russell on Crime (10th ed., p. 245), citat b'approvazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Emanuel Spiteri** (18.07.1973) jintqal hekk: "*If any person encourages, or promotes, or takes part in riots whether by words, signs or gestures, or by wearing the badge or ensign of the rioters, he becomes a rioter, for in this case all are principals. But mere presence without encouragmenet is not enough to establish criminality*" (sottolinear ta' l-Qorti)

Fil-fehma tal-Qorti dan ir-reat minuri jirrizulta pruvat fil-konfront ta' l-imputati ghaliex jirrizultaw l-element formali kif ukoll l-element materjali.

Fil-fatt gie pruvat li kien hemm ness bejn l-imputati u l-persuni l-ohra li gew arrestati u irrizulta li huma kienu hemm fil-protesta vjolenti ghaliex kienu miftehmin.

**<u>Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi taht il-hames (5) imputazzjoni l-imputati qeghdin jigu akkuzati li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-ufficjali tal-ordni. Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** deciza fil- 25 ta' Gunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> *"Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l- ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Austin Grech). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l- Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga prima facie rregolari fl-ordni li PC 604 ta lill- appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtorita' pubblika".*

L-ghan ta' din il-kontravenzjonni hija li l-ufficcjal pubbliku ikun qed jghamel xi xoghol in konnessjoni mal-kariga tieghu u jigi impedut minn terza persuna ghal xi raguni jew ohra u dak il-hin l- ufficcjal jghati xi ordni lil dak li jkun bil-ghan li ma jfixklux fil-qadi ta' dmirijietu. L-ghan ta' din il-kontravenzjoni hi sabiex l ufficcjali jithalla jahdem fil-kwiet u minghajr interferenzi.

**Ksur tal-bon-ordni u paci pubblika**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha okkazzjoni tfisser f'diversi sentenzi taghha (ara, fost ohrajn, Il-**Pulizija v. Joseph Spiteri** App. Krim. 24/5/96), bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm il-ligi taghna tipprovdi ghad-difiza tal-legittima difeza f'kaz ta' aggressjoni diretta biex tikkaguna offiza fuq il-persuna (Art. 223, Kap. 9), kif ukoll tippermetti r-ritorsjoni proporzjonata fil-kaz ta' l-ingurja kontravvenzjonali taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali (ara Il-**Pulizija v. Joe sive Joseph Vella** App. Krim. 7/12/95), fil-kaz tar-reat ta' ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika il-ligi ma tipprovdi ghal ebda difiza specifika.

Fi kliem iehor, wiehed irid jara fil-kaz konkret jekk dak li sar kienx inevitabbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Hu evidenti, per ezempju, li persuna li tigi aggredita u li tkun fil-fatt qed tiddefendi ruhha (mhux semplicement tirritalja ghal offiza fuq il-persuna li tkun diga saritilha) necessarjament ser tagixxi b'mod li tnissel f'mohh persuna ohra dak l-inkwiet jew thassib aktar 'l fuq imsemmi. Pero` l-agir ta' dik il-persuna jkun, f'dawk ic-cirkostanzi, inevitabbli, u ghalhekk ma jistax

jammonta ghal *breach of the peace*. L-istess ikun il-kaz jekk persuna tingurja *animus retorquendi* fil-limiti tal-Artikolu 339(1)(e) imsemmi – ikun kontrosens li wiehed jghid li dik l-ingurja ma tammontax ghal reat pero` l-fatt fih innifsu jammonta ghal reat iehor (taht l-Art. 338(dd))[17].

L-Imhallef Joseph Galea Debono waqt li kien qieghed jippresiedi l-Qorti tal-Appell Kriminali sostna li: Ma hemmx ghalfejn ikun hemm l-ghajjat u l-glied flimkien biex tissussisti l-kontravvenzjoni koperta bl-artikolu 338 (dd) tal-Kap.9[18]. Di fatti dan is-subinciz (dd) jiddisponi li :-

> *"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min :- (dd) b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra f'dan il-Kodici jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ."*

Minn dan jidher car li l-kliem tal-ligi jrid ikopri kull *"disturbance to the peace and good order"* sija jekk dan ikun gej minn ghajjat biss kif ukoll minn glied jew kolluttazzjoni fizika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni ohra. Mhux xi rekwizit tassattiv li dawn iz-zewg elementi jridu jikkonkorru f'daqqa w jista' jkollok wahda jew l-ohra jew xi manifestazzjoni ohra esterna li twassal ghad-disturb tal-buon ordni w l-kwiet tal-pubbliku.

---

[17] **Pulizija vs Monica Polidano.** App. krim. Imhallef Vincent Degaetano. 25 ta' Gunju 2001

[18] **Pulizija vs Paul Pace**. App Krim Inf Imhallef Joe Galea Debono. 3 ta' April 2003

Illi kif gie ritenut il-Qorti fl-Appell Kriminali" Il-**Pulizija vs. Paul Busuttil**" [23.6.1994]:

> *"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl- artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c- cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil"* u *"dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

Dik il-Qorti kienet iccitat b'approvazzjoni lill-Imhallef Sir Adriano Dingli li fil-kawza "**Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et**." [Kolloz Vol. XII , p.472, 475] kien qal :- *"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale , e' violazione dell'ordine pubblico , indipendentemente dalla perpetrazione di altro atto."*

F'dan il-kaz jirrizultaw l-ingredjenti mehtiega biex tinstab htija ghal din il-kontravenzjoni.

**<u>In-nazzjonalita' tal-imputati</u>**

Stante li d-difiza fis-sottomissjonijiet finali qajmet il-kwistjoni dwar in-nazzjonalita' tal-imputati l-Qorti se titratta dan il-punt.

Fil-kaz deciz mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Josef Grech**[19] deciza nhar il-Erbgha 12 ta' Novembru 2008 intqal li il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija** v. **Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

> **"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi**

[19] App. Nru. 28/08DS

**profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, ii l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:**

**"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe' biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**

**.....**

**Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-**

**imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."**

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Schembri** moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994, gie spjegat:

**"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."**

Il-Qorti tirreferi ukoll ghad-decizjoni ricenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Charles Mifsud**[20] deciza mill-Imhallef Aaron Bugeja fil-15 ta' Ottubru 2019.

Il-ġurisprudenza tgħallem li f'każijiet analogi, il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati tkun kitbet sentenza b'isem l-imputat – ismu jew kunjomu – żbaljat hija kwistjoni li tolqot l-ordni pubbliku u li mhix derogabbli mill-privat.[21] F'dawn il-każijiet, dawn il-Qrati ħadu l-linja li :

(a) jiddikjaraw li l-kundannat fis-sentenza appellata ma jkunx ir-rikorrent appellanti; u

[20] Appell numru 67 tal-2017

[21] Ara f'dan is-sens is-sentenza Il-Pulizija vs. Raymond Cassar, deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar id-29 ta' Settembru 1956, kif ukoll Il-Pulizija vs Christine Galea, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Lulju 1984.

(b) għalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija bl- isem żbaljat ma tkunx eżegwibbli kontra tiegħu u l-appell jieqaf f'dak il-punt.[22]

Fis-sentenza **Saviour Borg D'Anastasi** imsemmija, kif ukoll fis- sentenza **Loraine Costa nee Fino**, din il-Qorti kienet iddeċidiet li tali żball fl-isem tal-imputat kif imniżżel fis-sentenza ma kienx jimporta n-nullita tas-sentenza, iżda l-ineżekuttibilita tagħha fil-konfront tal-ġudikabbli. Għalhekk it-talba seduta stante magħmula mid-Difiża (iżda mhux fir-rikors tal-appell permezz ta' gravam appożitu) għal din ir-raġuni wkoll ma tistax tiġi milqugħa.

Jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza Maltija tikkonsidra l-kwistjoni tal-iżball fl-isem fis-sentenzi tal-Qrati bħala kwistjoni li tolqot l-ordni pubblika. Dan ukoll minħabba l-fatt li l-kwistjoni tal-identita tal-ġudikabbli hija determinanti b'mod partikolari quddiem Qrati ta' Gustizzja Kriminali. In kwantu kwistjoni t'ordni pubbliku il-problematika tal-iżball fl-isem tal-ġudikabbli fis-sentenza tal-Prim'Istanza tista' wkoll tiġi sollevata mill-Qorti.

Id-diskrepanza fl-isem teżisti bejn l-avviż, id-dokumenti preżentati, u l-kitba tal-appunti tal-Maġistrat a calce tal-komparixxi (fol 3) ma' dak li hemm miktub fuq is-sentenza stampata.

Illi l-ġurisprudenza aktar il-fuq riferita, b'mod partikolari dik tal-ħamsinijiet u sittinijiet tas-seklu l-ieħor żviluppata prinċipalment mill-Imħallef William Harding, kienet tisħaq li l-posizzjoni tal-*ius receptum* dak iż-żmien kienet li tali żball fl-atti quddiem il-Qorti tal- Prim'Istanza ma

[22] Ara f'dan is-sens is-sentenza Raymond Cassar, ibid.; Il-Pulizija vs. Francis Blancho, deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar fl-4 ta' Mejju 1957; Il-Pulizija vs. Robert Pace Bordin, deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar fit-23 ta' Frar 1959; Il-Pulizija vs Carmelo Sullivan deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar it-18 ta' Novembru 1961; is-sentenza Christine Galea, ibid.; u Il-Pulizija vs. Saviour Borg D'Anastasi deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 t'April 2002 kif ukoll Il-Pulizija vs. Loraine Costa nee Fino deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-20 ta' Mejju 2013.

setgħax jiġi korreġut mill-Qorti tat-Tieni Istanza.[23] Illum il-ġurnata l-artikolu 520(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali jirrendi applikabbli, *mutatis mutandis*, l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jipprovdi s-segwenti : -

*175. (1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s- sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal- kawża.*

*(2) Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l- appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is- sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata:*

*Iżda kull qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet fis- sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza u korrezzjonijet oħra li l-qorti fi grad ta' appell tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal- proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jinstemgħu:*

*Iżda wkoll qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet f'sentenza li tkun ingħatat minnha wara li jkun sar rikors preżentat minn waħda mill-partijiet fi żmien tletin ġurnata mid-data tas-sentenza.*

[23] Ara s-sentenza Francis Blancho aktar il-fuq imsemmija flimkien mal-każistika hemmhekk riportata.applikabbli, mutatis mutandis, l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal- Liġijiet ta' Malta.

*(3) Il-qorti tista', sa dakinhar li tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv f'att ġudizzjarju.*

Illi din il-posizzjoni legali kienet differenti minn dik li kienet qabel l-introduzzjoni tal-Att XXII tal-2005 li permezz tiegħu l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġie wkoll reż applikabbli għall- Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Pero li bl-Att I tal-2018, dan ġie preċiżat li l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġie reż applikabbli *mutatis mutandis*, għall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. B'hekk, fuq talba tal-partijiet, huwa possibbli li ssir korrezzjoni anke fi stadju t'appell:

Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is- sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata:

Iżda kull qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet fis-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza u korrezzjonijet oħra li l-qorti fi grad ta' appell tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jinstemgħu.

Illi din l-emenda kienet daħlet bl-Att XXII tal-2005 li d-dibattiti parlamentari dwaru juru li l-intenzjoni tal-leġislatur, riflessa fl- istqarrijiet magħmula mill-ġja Ministru Dr. Tonio Borg u gia Segretarju Parlamentari Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, kienet li jitħaffu proċeduri ġudizzjarji u jitnaqsu l-formaliżmi żejda. Mid- dibattiti parlamentari relattivi għall-bidla introdotta bl-Att I tal-2018 fir-rigward tal-applikazzjoni *mutatis mutandis* ta' dawn id- disposizzjonijiet għall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali, jirriżulta li dawn riedu jiġu applikati speċifikament għal dan il-kuntest penali.

Il-Liġi tgħid talba għal korrezzjoni tista' ssir fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza. F'dan il- każ, il-Qorti kienet speċifikament ħalliet din il-kawża għas-sentenza fuq dan il-punt, iżda ebda talba għal korrezzjoni ma ġiet proposta mill-partijiet sabiex tiġi dibattuta quddiem din il-Qorti.

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti baqgħet konfrontata bil- kopja tas-sentenza uffiċjali li kienet maħruġa fuq isem differenti minn dak tal-persuna imputata li kienet tidher fil-komparixxi, fejn ukoll kien hemm in-notamenti oriġinali tal-Maġistrat li ddeċieda l- kawża. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl- ismijiet Il-**Pulizija vs. Albert Bezzina** deċiża nhar il-25 ta' Lulju 1994 dik il-Qorti kienet ġiet rinfaċċjata b'talba għal nullita tas-sentenza peress li fuq il-komparixxi il-Maġistrat ma kienx indika l-artikoli tal- Liġi li joħolqu r-reat mentri dawn l-artikoli kienu ġew riprodotti fil- kopja tas-sentenza li ġiet pubblikata mir-Reġistratur. Dik il-Qorti kienet ċaħdet dak l-aggravju tan-nullita tas-sentenza wara li kkunsidrat li: -

*Fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li la l-artikolu 377(1) u anqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-maġistrat; dak li trid il-liġi hu li dak li jgħid il-maġistrat meta jagħti s-sentenza jiġi reġistrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Daklihemmfuqil-komparixxihumal-appuntital-maġistrat, mhux is-sentenza, u bejn dawk l-appunti u l-kopja uffiċjali tas-sentenza kif tidher a fol 15 ma hemmx kontradizzjonijiet.*

Fil-każ in disamina pero hemm kontradizzjoni bejn l-identita tal- imputat fuq il-komparixxi u l-isem tal-imputat fil-kopja tas-sentenza uffiċjali. Din il-kontradizzjoni hija awmentata mill-fatt li kemm l- appunti fuq il-komparixxi kif ukoll il-kopja uffiċjali tas-sentenza huma iffirmati mill-istess Maġistrat. Wara kollox huwa dmir ta' dawn il-Qrati li jivverifikaw sewwa d-dettalji fuq is-sentenzi li joħorġu, inkluż u b'mod partikolari fuq il-kopji uffiċjali li huma jiffirmaw għalihom. Din il-kontradizzjoni ma jaħtix għaliha

l- appellant in kwantu hu kellu l-jedd li jirċievi sentenza li tkun korretta fid-dettalji tagħha, b'mod partikolari fl-isem tiegħu, kardini tal-identita tiegħu.

Illi apparti dan meta l-appellant interpona l-appell, huwa għamel dan fl-isem "Charles Mifsud" meta s-sentenza kundannatorja indikat l-isem tal-ħati fl-okkju u fil-korp bħala "Charles Muscat". Anke dan skont il-ġurisprudenza Maltija għandu l-konsegwenzi tiegħu. Fil-kawża imsemmija aktar il-fuq Christine Galea l- appellanti lmentat li kemm is-sentenza kundannatorja kif ukoll iċ- ċitazzjoni kienu maħruġa fuq isem "Christine Galea" mentri l-isem uffiċjali proprja tagħha kien "Maria-Cristina". Il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet l-aggravju tal-appellanti. Fl-appell, Avukat Generali kien, inter alia, argumenta li tant kienet ċara l-identita tal-imputata bħala "Christine" Galea u li din kienet tirreferi għall-istess persuna, li fir-rikors tal-appell hija ma wżatx l-isem "Maria-Cristina" Galea (l-isem proprju tagħha), iżda wżat l-istess okkju tas-sentenza ċjoe bl-isem "Christine" Galea, ċjoe bl-isem li skont l- appellanti kien ħażin. Fuq dan l-argument, dik il-Qorti qalet hekk –

*Illi mhux biss hu rrilevanti l-argument ta' l-appellat illi l-appellanti fir- rikors ta' l-appell tagħha użat hi stess l-isem "Christine" anzi jingħad fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza kostanti li hekk biss setgħet tagħmel għax altrimenti r-rikors tal-appell stess kien ikun null (ara f'dan ir-rigward App. Krim. Il-Pulizija vs. John Muscat 21.4.1977).*

Issa meta wiehed jara l-atti ma jirrizultax illi l-imputati dehru li ma fehmux ta' x'hiex kienu qeghdin jigu akkuzati ghax fl-ebda stadju ma qajjmu dan il-gravam. Anzi kienet il-Qorti li seduta wara l-ohra ma accettatx li tikkunsidra ammissjoni min-naha taghhom qabel tinstema' x-xhieda u jinhargu l-artikoli mill-Avukat Generali.

**F'dan il-kaz irrizulta li l-imputati ghalkemm meta tressqu l-Qorti in-nazzjonalita' taghhom intqal li huma Palestinjan u Libjan waqt il-mori**

**tal-kawza irrizulta li huma Egizzjani. Kif kellhom dritt jaghmlu l-imputati ghazlu li ma jixhdux. Id-dokumenti pprezentati mill-Prosekuzzjoni Dok RAX 1 u Dok RAX 2 (***a fol* 67 *et seq.)* **fuq talba tal-Avukat Generali juru l-veru pajjiz tan-nazzjonalita' taghhom, liema pajjiz ma giex ikkontestat b'xhieda mid-difiza hlief saret referenza ghal dan fis-sottomissjonijiet finali, liema sottomissjonijiet ma jissostwixxux provi li ngabu jew li ma ngabux fil-process.**

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[24] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena li jinkludi fost il-principji kardinali hemm l-effett Retributtivu Preventiv tal-piena:

> *L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*
>
> *L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena,*

[24]Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

*persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-**<u>aspett preventiv</u>** għalhekk huwa duplici : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura specjali. L-**<u>effett preventiv ġenerali</u>** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-socjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**<u>aspett preventiv specjali</u>** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-socjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-socjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan socjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-socjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci meħtieġ għall-eżistenza pacifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

**<u>L-ordni pubbliku japplika ghal kulhadd</u>**

Il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza taghha tas-17 ta' Jannar 2017 Il-**Pulizija vs Meriam Abdussalam Mouaddea** u ttenni li min ikun

f'pajjizna hu min hu u gej minn fejn gej ghandu jimxi b′mod strett mal-ligijiet ta′ pajjizna.

Huma l-minoranza assoluta ta′ dawk li jkunu fostna li jigu jaqghu u jqumu mil-ligijiet ta′ pajjizna. ***Patti chiari, amicizia lunga***. Nilqghuk b′idejna miftuha fostna u b′hekk inkomplu nibnu r-reputazzjoni madwar id-dinja fejn dan il-poplu naghtha certifikat "***wrewna qalb tajba li ma bhalha***"[25], izda trid tirrispetta l-ligijiet ta′ pajjizna.

Dawn il-ftit qeghdin jaghmlu hsara kbira hafna ghaliex qeghdin jitfghu dell ikrah fuq ohrajn li jghixu hajja ezemplari fostna. Il-Qorti theggeg lill-awtoritajiet biex ma jibqux cassi quddiem sitwazzjonijiet bhal dawn u juzaw il-poter li tatihom il-ligi fl-ambitu tat-trattati internazzjonali u ma jiddejjqux jiehdu passi inkluz li dawk li jaghmlu reati gravi f′pajjizna u joholqu alarm bla bzonn fost il-popolazzjoni ta′ dawn il-gzejjer jitkeccew minn pajjizna.

**Persuni misjuba li m′għandhomx bżonn ta′ protezzjoni internazzjonali għandhom jintbagħtu mill-ewwel lura lejn il-pajjiż t′origini jew ta′ residenza tagħhom.**

**Il-problema ta′ dawk li ma jkollhomx dokumenti tal-identita′ validu biex ikun jista′ jintbaghat lura lejn pajjizu ghandu jinholoq mekkanizmu fejn il-persuna tinhargilha *European/International temporary travel document* biex ikun jista′ jsir il-vjagg lura.**

---

[25] Atti 28:2

**L-imputati mhux biss kienu Malta illegalment, ma qalux il-verita' minn fejn kienu gew u flok imxew ma' dak li jipprovdu l-ligijiet ta' pajjizna biex wiehed jinghata xi forma ta' protezzjoni ghazlu t-triq tal-vjolenza fejn kienu komplici li jaghtu n-nar il-post fejn kienu qeghdin jghixu fih, b'periklu ghal shabhom u ghal dawk kollha li jahdmu hemm. Dan zgur mhux accettabbli u din il-Qorti ma tistax ma tibaghatx messagg car li reati bhal dawn m'humiex accettabbli f'demokrazija li titmexxa bis-saltna tad-dritt u mhux bit-tkissir u l-hruq. U min jipprova jiggustifika b'xi mod l-agir taghhom ikun qieghed jaghmel hsara kbira lill-istess persuni li jiddeciedu li jipprotestaw b'dan il-mod ghaliex ikollhom jiskontaw sentenzi twal ta' prigunerija kif tipprovdi l-ligi. Kull min talab protezzjoni f'pajjizna u kellu raguni valida, din dejjem inghatat anke jekk il-process kultant jiehu fit-tul minhabba nuqqas ta' koperazzjoni mill-istess persuni meta jahbu l-identita' taghhom jew minn fejn ikunu gejjin.**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta izda issibhom hatja tat-tieni (2) imputazzjoni u tat-tielet (3) imputazzjoni li hija kompriza fit-tieni (2) imputazzjoni u wara li rat artikoli 17, 42, 43, 44, 45, 68(2), 317(a)(ii), 325(1)(a), 338 (ee) u 338 (dd) ssib lill-imputati hatja tat-tieni (2) imputazzjoni bhala komplici, tat-tielet (3) imputazzjoni kompriza fit-tieni imputazzjoni,

tar-raba' (4) tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni u tikkundannhom ghal erba' (4) snin prigunerija kull wiehed.

*Inoltre*, wara li l-Qorti rat Artikolu 532A tal-Kap 9 tikkundanna lil kull wiehed mill-hatja tmient'elef, sitt mija u wiehed u disghin ewro (€8,691) danni ghal sehmhom tal-hsara li kienet kagunata minnhom flimkien ma' tmien persuni ohra, liema hsara kienet tammonta ghal sitta u tmenin elf, disa' mija u erbatax-il ewro u disgha u sittin centezmu (€86,914.69).

*Inoltre,* l-Qorti tordna lill-Ufficjal Ewlieni ghall-Immigrazzjoni li b'koordinament mad-Direttur Generali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin x'hin l-imputati jiskontaw is-sentenza ta' prigunerija jitkeccew mill-ewwel minn Malta u jkunu ripatrijati l-Egittu fejn iddikjaraw li jghixu.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur